Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS)

# RAPPORT ANNWALI 2004
## Taqsira

Ir-rapport annwali 2004 ikopri l-ewwel perijodu ta' l-eżistenza tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) bħala awtorità superviżorja indipendenti ġdida, bil-kompitu li tiżgura li d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari l-privatezza tagħhom fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali ikunu rispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. Huwa jiddeskrivi **"il-bini ta' istituzzjoni ġdida"** mill-istadji inizjali tagħha sal-punt fejn l-awtorità l-ġdida żviluppat il-kapaċità biex twettaq il-missjoni tagħha b'effikaċja dejjem tiżdied. Ir-rapport jagħti deskrizzjoni ta' l-ewwel esperjenzi f'oqsma differenti ta' xogħol kif ukoll il-qafas legali u l-perspettivi politiċi dwar il-linji ewlenin.

Kapitlu 1 - "Bilanċ u perspettivi" - jiddeskrivi l-qafas legali li fih l-EDPS jaġixxi u l-kompiti u s-setgħat fdati lilu. Barra minn hekk, l-għanijiet ewlenin għall-2005 huma enfasizzati. L-istorja prattika dwar il-bini ta' istituzzjoni ġdida tista' tinsab f'Kapitolu 2. Fil-kapitoli 3 sa 5 id-dmirijiet u s-setgħat huma diskussi iktar fil-wisa'. Il-Kapitolu 3 dwar Superviżjoni jispjega l-kompitu ta' l-EDPS li jissorvelja l-iproċessar ta' *data* fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, b'kooperazzjoni ma' l-Uffiċjali ta' Protezzjoni tad-*Data* (DPO) li huma preżenti f'kull istituzzjoni jew korp. Il-Kapitolu 4 dwar Konsultazzjoni jispjega li l-EDPS jagħti pariri 'l istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' *data* persunali. Huwa jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni kull darba li tadotta proposta leġislattiva dwar il-protezzjoni ta' data persunali. Il-Kapitolu 5 dwar il-Kooperazzjoni jenfasizza r-rwol attiv li għandu l-EDPS fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' korpi ta' kontroll tal-protezzjoni tad-*data* f'dik li hija magħrufa bħala t-tielet kolonna ta' l-Unjoni. Il-Kapitolu 6 juri n-natura globali tal-kwistjoni tal-protezzjoni tad-*data*, waqt li jiddeskrivi l-kuntatti internazzjonali magħmula mill-EDPS fl-2004.

### Kapitolu 1: Bilanċ u Perspettivi

L-istabbiliment ta' awtorità indipendenti fuq livell Ewropew biex tissorvelja u tiżgura l-applikazzjoni ta' protezzjonijiet legali għall-protezzjoni ta' *data* personali hija **esperjenza ġdida għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità**, u għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Esperjenzi ġodda rarament jiġru mingħajr kumplikazzjonijiet. Per eżempju, ir-regoli relevanti dwar protezzjoni ta' data daħlu fis-seħħ fi Frar 2001 b'perijodu transitorju ta' sena. Iżda l-ħatra ta' l-EDPS u l-assistenti EDPS daħlet b'effett f'Jannar 2004. Dan ifisser li s-superviżjoni esterna ilha nieqsa għal perijodu ta' tliet snin, li matulu d-drittijiet tas-suġġetti tad-data ma setgħux ikunu protetti bil-mod intiż meta r-regoli ġew adottati. Għalkemm id-DPO's għamlu xogħol ta' utilità kbira, l-implimentazzjoni u s-superviżjoni tar-regoli eżistenti huma kwistjoni urġenti. l-UE ma tistax ma twettaqx ir-regoli li hija imponit fuqha nnifisha u fuq l-istati membri. Madanakollu, hemm bżonn ta' ftit prudenza, peress li m'hemm ebda sinjal ta' nuqqas ta' rieda fil- livell Komunitarju biex ikun hemm konformità ma' dawn ir-regoli li ġeneralment huma meqjusa raġonevoli u xierqa.

L-Artikolu 286 tat-Trattat tal-KE jipprevedi li l-atti tal-Komunità dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u tal-moviment liberu ta' tali data għandhm japplikaw ukoll għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, inkluż l-istabbiliment ta' awtorità indipendenti ta' kontroll. Ir-regoli xierqa msemmija f'dik id-dispożizzjoni ġew stabbiliti fir-**Regolament (KE) 45/2001** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Dan ir-Regolament m'għandux jiġi kkunsidrat għalih waħdu, iżda bħala parti minn **qafas ħafna akbar** li jirrifletti x-xogħol magħmul mill-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Ewropew tul perijodu itwal. Dan ix-xogħol imur lura għal Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) u influwenza wkoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea li *issa* ġiet inkorporata fit-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa bħala parti II.

Fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea, il-protezzjoni ta' *data* persunali hija stabbilita fi:

- l-Artikolu 6 tat-Trattat UE
- l-Artikolu 286 tat-Trattat KE
- l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali
- id-Direttiva 95/46/KE
- id-Direttiva 2002/58/KE.

Ir-Regolament (KE) 45/2001 jispeċifika l-prinċipji għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE. Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar ta' *data* persunali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità safejn tali pproċessar jitwettaq fl-eżerċizzju ta' attivitajiet li kollha jew parti minnhom huma taħt fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja. Huwa jitratta dwar prinċipji ġenerali bħall-ipproċessar ġust u legali, il-proporzjonalità u l-użu kompatibbli, kategoriji speċjali ta' *data* sensittiva, informazzjoni li għandha tingħata lis-suġġett tad-data, id-drittijiet tas-suġġett tad-data u s-superviżjoni, l-infurzar u r-rimedji. Huwa jistabbilixxi wkoll awtorità indipendenti ta' kontroll (EDPS) responsabbli għall-monitoraġġ ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. Kull istituzzjoni għandha DPO li jikkoopera ma' l-EDPS.

Il-kompiti u s-setgħat ta' l-EDPS huma deskritti fl-Artikoli 41, 46 u 47 tar-Regolament. Id-dmirijiet tiegħu huma "s-superviżjoni", "il-konsultazzjoni" u "l-kooperazzjoni" Kull wieħed minn dawn id-dmirijiet huwa diskuss iktar fit-tul fil-kapitoli li jmiss.

L-istabbiliment ta' awtorità indipendenti ta' kontroll fuq livell Ewropew mhuwiex biss ingredjent bażiku ta' politika soda ta' protezzjoni tad-*data*, iżda huwa wkoll miżura essenzjali sabiex jiżgura li l-prinċipji u l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 8 ECHR u l-Artikolu II-68 tal-Kostituzzjoni ikunu salvagwardjati. Dawn id-dispożizzjonijiet jenfasizzaw b'mod ċar ir-rwol ta' l-awtorità indipendenti ta' kontroll fit-twettiq ta' dawn il-prinċipji u valuri.

Huwa importanti li wieħed jagħraf li **iżjed u iżjed mill-linji politiċi ta' l-UE jiddependu fuq l-ipproċessar legali ta' *data* persunali.** Dan huwa l-każ peress li ħafna attivitajiet f'soċjetà moderna illum jiġġeneraw *data* persunali jew jużaw tali data bħala *input*. Huwa wkoll minnu għall-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-irwol tagħhom ta' amministrazzjoni u t-tfassil ta' politika, u għalhekk ukoll għall-implimentazzjoni ta' l-aġenda tal-linji politiċi tagħhom. Dan ifisser li l-**protezzjoni** effettiva **tad-data personali**, bħala valur bażiku li fuqu huma bbażati l-linji politiċi ta' l-Unjoni, għandha titqies bħala **kondizzjoni għas-suċċess tagħhom**. L-EDPS ser taġixxi b'dan l-ispirtu ġenerali u qegħda tistenna risposta posittiva.

L-**għanijiet** ewlenin **għall-2005** deskritti fir-rapport huma:

- Żvilupp ta' *network* DPO
- Fuljetti, *website* u *newsletter*
- Notifiki u verifiki minn qabel
- Linji gwida għal ilmenti u inkjesti
- Verifiki u investigazzjonijiet
- Privatezza u trasparenza
- *E-monitoring* u *data* dwar it-traffiku
- Opinjonijiet u proposti għall-leġislazzoni
- Protezzoni ta' *data* fit-tielet kolonna.
- Żvilupp ta' risorsi

**Kapitolu 2: Il-Bini ta' "istituzzjoni ġdida"**

Fl-2004, l-istituzzjoni bdiet taħdem. L-ambjent amministrattiv inbena bl-assistenza tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill, li żguraw provvista ta' *know-how*, provvista ta' assistenza siewja fit-twettiq ta' ċerti kompiti u l-kisba ta' ekonomiji ta' skala.

L-EDPS bi ħsiebha tkompli bl-iżvilupp ta' dan l-ambjent fl-2005.

**Kapitolu 3: Superviżjoni**

Kompitu fundamentali ta' l-EDPS bħala awtorità indipendenti ġdida huwa li jissorvelja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 45/2001 u l-istrumenti legali relevanti oħra għall-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar ta' *data* personali mwettqa mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Komunità (ħlief il-Qorti tal-Ġustizzja meta taġixxi fil-kapaċità ġuridika tagħha), safejn tali pproċessar jiġi mwettaq fl-eżerċizzju ta' attivitajiet li kollha jew parti minnhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni Komunitarja. Għal dak il-għan, ir-Regolament jiddeskrivi u jagħti numru ta' dmirijiet u setgħat li għandhom x'jaqsmu mal-kompitu ta' superviżjoni.

Kontrolli minn qabel, li s-soġġetti tad-data jkunu informati, u t-trattament ta' lmenti u investigazzjonijiet huma strumenti li kienu użati tul l-2004. L-opinjonijiet ta' l-EDPS ngħataw segwitu xieraq. Il-Kontrolluri ħadu miżuri għaldaqstant.

L-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar li jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data minħabba n-natura tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni u l-iskopijiet tagħhom huma soġġett għall-**kontroll minn qabel**. Il-Kontrolli minn qabel jeħtieġ li jiġu mwettqa mill-EDPS wara li jirċievi notifika mingħand id-DPO ta' istituzzjoni jew korp tal-Komunità. It-tweġiba finali tieħu l-forma ta' opinjoni ta' l-EDPS, li għandha tkun notifikata lill-kontrollur ta' l-operazzjoni ta' pproċessar u lid-DPO ta' l-istituzzjoni jew korp konċernat. Din l-opinjoni jeħtieġ li tkun mogħtija fi żmien xharejn wara li tkun irċevuta in-notifikazzjoni. Jinżamm reġistru ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li ġew notifikati għall-kontrolli minn qabel.

Il-kontrolli minn qabel jikkonċernaw mhux biss l-operazzjonijiet mhux mibdija ("konrolli minn qabel proprji") iżda wkoll operazzjonijiet ta' pproċessar li bdew qabel is-17 ta' Jannar 2004 jew qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Dawn il-każijiet huma trattati fuq bażi "*ex post*". Erba' każi ta' konrolli minn qabel "proprji" kienu notifikati lill-EDPS fl-2004. Madwar 100 każ kienu elenkati bħala kontrolli minn qabel "*ex post*".
Matul l-2004, l-EDPS irċieva 51 talba għal **informazzjoni**. Il-biċċa l-kbira ġew imwieġba fi żmien jumejn ta' xogħol.

Barra minn hekk, waslu 8 **ilmenti** fil-kompetenza ta' l-EDPS: 6 kontra l-Kummissjoni, 1 kontra l-BĊE u 1 kontra l-Parlament. L-esperjenza miġbura mit-trattament ta' dawn l-ilmenti qed tiġi użata biex jiġi abbozzat manwal.

L-ewwel **investigazzjonijiet** mill-EDPS bdew. Ir-relazzjoni bejn l-aċċess pubbliku għal dokumenti u l-protezzjoni tad-*data* hija meqjusa bħala problematika mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. Ġew imwarrba risorsi biex tkun żviluppata karta ta' politika dwar il-promozzjoni ta' l-aċċess pubbliku għal dokumenti flimkien mal-protezzjoni ta' *data* personali.

Fl-istess waqt, l-EDPS bdiet xogħol dwar l-ipproċessar ta' *data* ta' traffiku u ta' fatturi ta' kull tip ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-istituzzjonijiet Ewropej. L-għan hu doppju. L-EDPS jimmira biex jipproduċi linji gwida dwar is-suġġett kif ukoll biex jistabbilixxi lista(i) ta' data ta' traffiku li tista' tiġi pproċessata għall-finijiet ta' amministrazzjoni tat-traffiku u tal-budget, inkluż il-verifika ta' l-użu awtorizzat tas-sistema ta' telekomunikazzjoni.

Is-suġġett ta' l-**Eurodac** huwa diskuss separatament, kemm minħabba il-qafas legali tagħha u l-importanza tagħha f'perspettiva aktar wiesgħa. Ir-Regolament (KE) 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' l-Eurodac (tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin) ppreveda għat-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta proviżorja, li kellha tiġi xolta ma' l-istabbiliment ta' l-EDPS. Minn Jannar 2004, l-EDPS sar l-awtorità superviżorja ta' l-unità Ċentrali ta' l-Eurodac u jissorvelja wkoll it-trasmissjoni ta' *data* personali lill-Istati Membri mill-unità Ċentrali.

**Kapitolu 4: Konsultazzjoni**

L-Artikolu 41 tar-Regolament 45/2001 jitfa' r-responsabbilta fuq l-EDPS biex jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità fuq il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' *data* personali. Huwa jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità kollha jew fuq l-inizzjattiva persunali tiegħu jew bi tweġiba għal konsultazzjoni. Skond l-Artikolu 28 l-EDPS jeħtieġ li jiġi kkonsultat kull darba li l-Kummissjoni tadotta proposta għal leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali.

Fl-2004, l-EDPS beda jagħti effett lil dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament. L-ewwel attivitajiet ikkonċernaw **miżuri amministrattivi**. Fil-qasam tal-konsultazzjoni dwar **proposti għal leġislazzjoni**, l-ewwel opinjoni formali kienet maħruġa fit-22 ta' Ottubru 2004. L-opinjoni ikkonċernat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar assistenza amministrattiva reċiproka għall-finijet ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u kull attivitajiet illegali oħra. Hija ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali u fuq il-*website* ta' l-EDPS. (www.edps.eu.int).

Fl-2004 ukoll, l-EDPS beda jipprepara karta ta' politika sabiex jikkjarifika kif huwa jifhem ir-rwol tiegħu bħala konsulent ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità dwar proposti għal leġislazzjoni u dokumenti relatati.

**Kapitolu 5: Kooperazzjoni**

Il-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 hu l-isem qasir tal-Grupp ta' Ħidma stabbilit mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE biex jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri indipendenti dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni ta' *data* u biex jgħin fl-iżvilupp ta' politika armonizzata għall-protezzjoni ta' *data* fl-Istati Membri. Huwa kompost minn rappreżentanti ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll f'kull Stat Membru, l-EDPS u rappreżentant tal-Kummissjoni. L-EDPS iħoss li din hija pjattforma importanti għall-kooperazzjoni u għalhekk kellu rwol attiv fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma minn nofs-Jannar 2004.

L-EDPS jikkoopera wkoll mal-korpi ta' kontroll tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE ("it-tielet kolonna") bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli u l-proċeduri f'dan il-qasam. Dan jikkonċerna l-Korpi Konġunti ta' Sorveljanza tal-Europol, Schengen, Eurojust, u s-Sistema ta' l-Informazzjoni Doganali. Il-partijiet involuti huma konvinti fil-bżonn ta' approċċ komuni u armonizzat f'dan il-qasam sensittiv ħafna.

**Kapitolu 6: Relazzjonijiet Internazzonnali**

Sabiex jiżviluppa relazzjonjijiet internazzjonali, l-EDPS ipparteċipa b'mod attiv fil-Konferenzi Ewropej u Internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data*. Dawn il-konferenzi jofru pjattaforma utli ħafna biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni u għall-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza dwar suġġetti differenti.

L-EDPS investa wkoll ħafna ħin u sforzi biex jispjega l-missjoni tiegħu u biex ikabbar il-profil tiegħu f'diskorsi u kontibuzzjonijiet oħra f'diversi Stati Membri matul is-sena.

30 ta' Marzu 2005